# Attivitajiet

**7 ta' Ġunju–Project House-20.00:** L-ispiżjara Valeria Sant se tkellimna fuq il-kura tal-Ġilda.

**14 ta' Ġunju–Project House-20.00:** Quddiesa ta Jum il-Missier iċċelebrata minn Fr. Saviour

**21 ta' Ġunju– Project House 19.30:** Taħdita min Martin Buhagiar fuq Servizzi Soċjali

**28 ta' Ġunju:** Birthday Celebrations– Birgu Waterfront- Cargo Restaurant
**Starters-** Penne Norma Served with fried aubergine, a hint of chilli, tomato sauce & pecorino Romano cheese
*Or* Two pieces Cheesy Garlic Bread topped with melted mozzarella
*Or* Soup of the Day
**Main Course-** Half Rack of ribs glazed in BBQ Sauce served with roasted vegetables and fries.
*Or* Char grilled chicken breast cooked with seasoned herb oil and served with mushroom sauce, roasted vegetables and fries.
*Or* Fresh Grilled Grouper, served with fries and salad with a tomato, olives & caper mix.
**Dessert-** Chocolate Cake **Beverages-** Glass of Wine or Soft Drink or Water

**Kont taf li;**

◊ Santa Ċeċilja hija l-qaddisa patruna tal-mużiċisti.

◊ Il-Film Ġesu ta' Nazzareth inħadem fl–1977 bl-atturi prinċipali jkun Robert Powell u Olivia Hussey. Film ta' Franco Zeffirelli.

◊ L-Aida ta' Giuseppe Verdi hija opra f-erba atti li saret l-ewwel darba fl-24 ta' Diċembru 1871 fit-teatru Nazzjonali tal-Kajr .

◊ *Il-fabbrika tal-karozzi, FIAT tfisser*: Fabbrica Italiana Automobili Torino.

◊ L-ewwel edizzjoni tal-Festival ta' San Remo saret fis-sena 1951.

◊ F'Malta u Għawdex tista żżur knisja kuljum. Fil-fatt hawn 365 knisja.

◊ L-assoċjazzjoni tal-baned ġiet imwaqqfa aktar minn 60 sena ilu u tilqa' fiha 84 banda.

***Chairperson: Victor Galea– 99899072    Secretary: Charlotte Camilleri 99899751***

***Email: info@minusone.eu or secretary@minusone.eu***

MINUS ONE
THE MALTESE SUPPORT GROUP FOR THE WIDOWED
https://minusone.eu
info@minusone.eu

**Volum 22    Harga 6    Ġunju 2019**

**Ħbieb**,

Intom tieħdu paċenzja?

Żgur li xi darba jew oħra matul ħajtek kellek aptit tinfaqa' jew kif jgħidu tlift l-erre. Importanti li wieħed jifhem li biex tieħu paċenzja b'ħaddieħor, l-ewwel trid tieħu paċenzja bik innifsek. Bil-paċenzja rridu nissaportu d-difetti li għandna u l-iżbalji li nagħmlu, wara kollox la jkun sar l-iżball ikun inutli li nirrabjaw u nitilfu l-erre u jkun aħjar li naraw kif darb' oħra ma' nirrepetux dak l-iżball. Ikun tajjeb ukoll, li wieħed jifhem u jipprova jirranġa d-difetti li jkollu. Wara kollox dan hu proċess kontinwu tul il-ħajja. Li tkun paċenzjuż tfisser li tkun kapaċi tikkontrolla lilek innifsek f'sitwazzjonijiet li ma jkunux ġew kif xtaqt, tort tiegħek jew tort ta ħaddieħor u mhux dejjem faċli li tikkontrolla lilek innifsek meta jibda ġej kollox kontra u l-mewġ ikun qawwi. Allura aktar u aktar ma tagħmilx sens meta titlef il-paċenzja fuq affarijiet żgħar bħal meta tkun qed tiddiskuti ma persuna li forsi għandu idejat differenti minn tiegħek jew bħal meta jkun hemm persuna b'karattru differenti minn tiegħek. **Ħu paċenzja**.

Niżbaljaw jekk nippretendu li l-affarijiet se jiġu dejjem kif nixtiquhom aħna jew li xi darba jew oħra ħadd m'hu se jonqosna. Kulħadd għandu l-karattru tiegħu u kulħadd jara u jagħmel l-affarijiet kif jidhirlu hu. Tajjeb wieħed jistaqsi lilu nnifsu jekk hemmx xi ħadd li jtellfu l-paċenzja, forsi minħabba kif iġib ruħu din il-persuna. U jekk iva, allura, kif se tikkontrolla? Meta titlef il-paċenzja, ikun l-ilsien li jidħol fl-azzjoni u tgħid affarijiet li żgur li jekk tkun kalm ma tgħidhomx. Lili dejjem għalmuni li meta nkun se nitlef il-paċenzja nagħlaq ħalqi u ma nieħux deċiżjonijiet qabel nikkalma.

Għalhekk nixtieq nappella biex nieħdu paċenzja, nittolleraw u naċċettaw aktar lil xulxin bit-tajjeb u l-ħażin li għandna.

**Nispera li ma' tliftux il- paċenzja taqraw dawn iż- żewġ kelmiet.**

Għal dan ix-xahar ħejjejna programm tajjeb. Filwaqt li nirringrazzjakom tal-koperazzjoni tagħkom inħeġġiġkom tkomplu tattendu għal dawn l-attivitajiet.

Grazzi lil kullħadd.

***Victor***

# Jiktbu l–membri

Jien twelidt Bormla fit-8 ta' Marzu 1962. Kelli 10 xhur meta morna noqgħodu Raħal Ġdid. Domt noqgħod hemm sakemm kelli 22 sena għax iżżewwiġt lill-isbaħ mara li qatt iltqajt magħha sabiex suppost kelli nqatta ħajti kollha magħha. Margaret, għalija kienet id-dinja, kellna żewġt subien, imma x-xitan ma' ħamilx għax ta' 28 sena mardet. Damet 13-Il sena marida sakemm ħalliet din id-dinja. Is-subien kellhom 14 u 18 rispettivament. F'April li ġej tagħlaq 16 il-sena li marret tgawdi lill Mulej. Jiena naħdem bħala stampatur ma' kumpanija privata. Tnejn minn sħabi li kienu għaddew minn din l-esperjenza kerha qabli ġieli tkellmu fuq dan il-grupp. Bis-saħħa t'hekk, kont naf li jeżisti il-grupp tar-romol *Minus One*. Ftit wara stednuni biex immur u hekk għamilt.

**Fil–*Minus One* sibt it-tieni familja tiegħi** li kultant jifhmuni iktar minn tal-familja tiegħi minnħabba li bħali, esperjenzjaw din-it-telfa. Sibt irġiel u nisa tal-affari tagħhom. Meta xi membru jkollu bżonn l-għajnuna jew xi parir, kullħadd jara kif ser jgħin. Fuq nota aktar ħafifa ngħid li jien l-ewwel li tgħallimt kien, kif il-ħwejjeg ma' ngibhomx kollha kulur wieħed, għax għamilt żmien il-ħwejjeġ li nonxor u jarahom kulħadd fuq il-bejt kienu jkunu jew ħomor, ħodor jew blu. Naħseb li l-ġirien kienu jaħsbuni xi Caravaggio u min jaf kemm qalu kemm iqabillhom il-ħwejjeg. Kollox l-istess kulur bil-flokkijiet ta' taħt, il-kalzetti u ħwejjeg oħra.

Il-grupp dejjem nehda għax jew ħarġa, mixja jew ġurnata Għawdex jew Kemmuna nipprova mmur dejjem. L-aktar għal qalbi huma l-quddies tal 1 ta' Novembru, jum l-Omm u jum il-Missier għax ma' tismax ħoss u kullħadd jisma' lil Fr. Saviour jghid erba' kelmiet ta' veru, hu jafna sew u jaf min għandu quddiemu.

Kull min kien fil-kumitat dejjem organizza attivitajiet biex jarawna nieħdu pjaċir u xi żewġ daħkiet ma' jonqsux. Ikun hemm ukoll il-mumenti li nibku flimkien għax ikun jum partikolari li niftakru f-jum it-twelid jew il-jum li l- għeżież tagħna jkunu ħallew din id-dinja. Aħna nafu xi jfissru dawn il-jiem. Niddejjaq ftit meta nara lil min ma jintegrax ma kulħadd u joqgħod dejjem mal-istess membri. Nieħu pjaċir meta kulħadd ikellem lil kulħadd. Nissuġerixxi li meta jkun hemm xi taħdita, din ma ddumx aktar minn siegħa. Dan sabiex ikollna aktar ħin biex ngħidu kelma u nduqu xi biċċa kejk jew pudina ma naqra kafe.

Silvio Ellul.

## Fil–*Minus One* sibt it-tieni familja tiegħi

## Ftit Ċajt

Fl-iskola Primarja tar–raħal:
L-Għalliema: Tfal, qatt u qatt m'għandkom tbusu lill-*pets* tagħkom minħabba xi marda. Leli wieħed mit–tfal: Taf li veru Miss! Ta' Ħdejna bieset lill-kelb u dan miet jumejn wara.

Joe kien qiegħed jistgħad bil-luzzu meta għal xi raġuni sab ruħu fil-baħar. Sajjied fuq dgħajsa żgħira fil-viċin rah fil-baħar, resaq lejħ u qallu 'hawn sieħbi , trid xi għajnuna?'
Joe wieġbu 'Grazzi ta, imma għandi l-Mulej jgħini'
Ftit wara rah ieħor bid-dgħajsa u dan ukoll resaq lejh u staqsieh għandux bżonn l-għajnuna u Joe reġa wieġeb 'le għax għandi lill-Mulej jgħini'.
Fi ftit sekondi il–kurrent kaxkar il-luzzu 'l barra ħafna u Joe miskin għereq u deher quddiem il-Mulej 'Mulej qallu, kif ma għintnix?'
Il-Mulej wieġbu 'mhux int baħnan jien bgħattlek 2 dgħajjes u int għidt le'

Hector mar il-grawnd jara logħba taħraq bejn il-Valletta City u l–Ħamrun Spartans.
Poġġa ħdejn xwejjaħ u dan il–proxxmu wara ftit li bdiet il-logħba beda jgħid '22 player, referee, 2 linesmen, 22 elf ruh u ground sħiħ'.
Din il–frażi qalha' xi 10 darbiet wara xulxin.
Hector fl-aħħar qabżitlu u qallu 'Isma xbin tista' tgħidli x'qiegħed tgħid?
Ix-xwejjaħ wieġbu '22 player, referee, 2 linesmen, 22 elf ruh u grawnd sħiħ u din il-ħamiema fuqi għamlet.

**Ħbieb, Tinsewx li;**

⇒ Biex tidħol membru fil-grupp tagħna trid tkun għadek ma' għalaqtx il–wieħed u sittin sena. Trid ukoll tippreżenta ċ-ċertifikat tal–mewt tal-mara jew tar-raġel.

⇒ Membri biss jistgħu jaraw il-paġna *facebook* tal-grupp. Jistgħu jiġu aċċettati wkoll nies oħra li mhux membri iżda li jagħtu kontribut lill-grupp. Dawk il-membri li m'għandhomx *facebook* jistgħu jinnominaw persuna oħra li tiġi aċċettata fil–paġna *facebook* tagħna.

⇒ Il-grupp tagħna qiegħed biss għal persuni romol. Għall-attivitajiet esterni kull membru jista' jġib biss persuna oħra li ma tkunx jew ikun membru.